**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tnejn 15 ta' Novembru, 2021

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

### AĠENDA Numru 36

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 36 li ser tinżamm fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar it-Tnejn 22 ta' Novembru, 2021 fil-17:30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet*.

**IFFIRMATA**

**Stephania Grixti**
Deputat Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
36.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
36.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
36.5 Rapporti;
36.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
36.7 Aġġornament dwar Miżura 4.4 – Ħitan tas-Sejjieħ fiż-Żona ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena;
36.8 Aġġornament dwar l-Ingaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali;
36.9 Aġġornament dwar l-iSkema ta' Għajnuna għal Tizjin tal-Milied fil-Lokalita` 2021;
36.10 Laqgħa tal-Lokalita' 2021;
36.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
36.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-36 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn, 22 ta' Novembru, 2021 fil-17:30, f'7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, u spiċċat fis-19:00.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja |
| Kunsilliera | Marion Parnis |
| Kunsillier | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Stephania Grixti |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

36.1 **<u>QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA</u>**

36.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 36.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

36.2.1 Il-Minuti tal-35 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu ppproponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

36.2.2 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 36.3, 36.4 u 36.5 jiġu diskussi wara Minuta 36.9 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

## 36.6 AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

36.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol qed jitkompla u bħalissa għaddej ix-xogħol fuq il-playground.

36.6.2 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa fir-rigward tax-xogħolijiet ta ġewwa tal-binja. Is-Sindku nfurmah li l-perit qed jipprepara d-dokumenti neċessarji.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 36.7 AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.4 – HITAN TAS-SEJJIEĦ FIŻ-ŻONA TA' MISRAĦ IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA

36.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-perit mar sabiex jikwantifika x-xogħol sabiex ikunu jistgħu joħorġu l-pagamenti.

36.7.2 Ser issir laqgħa mal-ADI sabiex ikun jnistgħa jingħalaq il-proġett.

## 36.08 AĠĠORNAMENT DWAR L-INGAĠĠ TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV MAL KUNSILL LOKALI

36.08.1 Is-Sindku David Schembri qal li ħarġet it-tieni sejħa fejn kien hemm 4 applikazzjonijiet. Wara li l-bord analizza l-aplikazzjonijiet ħass li wiħed mill-applikanti kellu jiġi skwalifikat minħabba nuqqas ta' dokumentazzjoni.

36.08.2 Sar komunikat mad-DLG fir-rigard u qed nistennew direzzjoni min-naħa tagħhom. It-tlett applikanti l-oħra ġew imsejħa għall-intervista.

## 36.09 AĠĠORNAMENT DWAR L-iSKEMA TA' GĦAJNUNA GĦAL TIŻJIN TAL-MILIED FIL-LOKALITA' 2021

36.09.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-każini u l-parroċċa ġew infurmati u aċċettaw li jarmaw kif ipproponejnielhom bħala kunsill. Ir-Reġjun Nofsinhar ġie ukoll infurmat bil-proposta li l-Kunsill għamel.

36.09.2 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa jekk jingħatawx xorta waħda l-flus jekk l-armar li jagħmlu ma jkunx kif ġie stipulat mill-Kunsill. Is-Sindku nfurmah li f'dak il-każ il-flus ma jingħatawx.

.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 36.10 LAQGĦAT AL-LOKALITA' 2021

36.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li wasal iż-żmien li ssir il-laqgħa tal-lokalita' ta' Diċembru. Ġie deċiż li l-laqgħa ssir fl-istess jum li ssir il-laqgħa tal-Kunsill.

36.10.2 Ġie deċiż ukoll li l-laqgħa ssir bin-nies preżenti ġaladarba dawn jibbukjaw minn qabel fl-uffiċċju tal-Kunsill u tkun ukoll disponibbli online bl-istess prċedura li jinkitbu minn qabel.

## 36.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

36.3.1 Is-Sindku David Schembri nformal-kamra li hemm fondi tal-UIF li jistgħu jintużaw għal proġetti. Qed nistennew rendikont sabiex naraw kemm huma l-fondi aċċessibbli..

36.3.1.2 Huwa saqsa il-kamra jekk jaqbluxli b'dawn il-fondi isir il-pavimentar ta' Misraħ is-Santwarju tal-Ħniena sabiex b'hekk l-area tkun kompluta. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

36.3.2 Is-Sindku qal li fir-rigward tal-LC Care ntalbet estensjoni sal-20 ta' April 2022 fejn din ġiet approvata.

36.3.3 Fir-rigward tal-kwistjonijiet li ssemmew preċedentament fir-rigward ta' Triq it-Torri, rċivejna ittra legali u qegħda ssir komunikazzjoni bl-avukat tal-Kunsill.

36.3.4 Il-Kamra ġiet infurmata mis-Sindku li t-Tlieta 16 ta' Novembru kelna s-seduta tal-appell fir-rigward tat-tender għas-servizz tal-latrini pubbliċi. Il-Kunsill ġie mitlub li jibagħad xi dokumenti u wara ikun hemm għaxart ijiem ċan sabiex l-avukati tal-appellant jirribattu.

36.3.4.1 Fir-rigward tal-kwotazzjonijiet li l-Kunsill ħareġ għas-servizz ta' emerġenza in-konnessjoni mal-latrina pubblika, dan qiegħed miżmum minħabba li persuna li tefat l-kwotazzjoni ma qablitx mad-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

deċiżjoni tal-Kunsill u għalhekk qed nistennew direzzjoni mill-legali mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

36.3.5 Is-Sindku saqsa lill-Kunsillier Charles Zerafa fir-rigward tal-Mobile App fejn dan wieġeb li ntbagħtet e-mail lil min qed jipprovdi s-servizz sabiex naraw f'liema stadju waslu.

36.3.6 Is-Sindku nforma l-kamra li saret laqgħa mal-kuntrattur li rebaħ it-tender tar-restawr tal-Kappella tal-Grazzja fejn dan infurmana li kien hemm żbalji fl-aritmetika u għalhekk il-prezz ma jirriflettiex is-somma korretta.

36.3.7 Il-Perit inkarigat mir-restawr unit ġew infurmati fir-rigward fejn din talbitna kopja tal-offerti kollha sabiex isiru l-evfalwazzjonijiet min-naħa tagħhom.

36.3.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-applikazzjoni tal-attivitajiet kulturali sabiex isir kuncert minn banda Olandiża ġiet aċċettata u ser ningħataw is-somma ta' €5,000.

36.3.8 Is-Sindku ppreżenta quddiem il-kamra l-ewwel rapport tax-xogħol li qed isir fuq l-inkwatru titulari li jinsab ġewwa l-Kappella ta' Santa Katerina.

36.3.9 Huwa nforma l-Kunsill li r-restawratriċi qed titlob li titħallas terz tas-somma hekk kif stipulat fil-kuntratt. Il-Kunsill qabel b'md unanimu.

36.3.9.1 Il-kamra ġiet infurmata mis-Sindku li r-raħal tal-Qrendi huwa fiċ-ċans li jkun parteċipi f'kompetizzjoni li hija maqsuma f'seba' kriterji. Din il-kompetizzjoni hija mifruxa madwar lokalitajiet oħra madwar l-Ewropa li ġġib l-isem, ta' Entente Florale.

36.3.10 Is-Sindku ressaq quddiem il-kamra talba sabiex issir road hump fi Triq Ġuże Cassar. Saret diskussjoni fir-rigward u ġie deċiż li nikkuntatjaw lil Transpor Malta sabiex jigwidawna f'dan ir-rigward.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 36.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

36.4.1 Il-Viċi Sindku, Patrick Bugeja talab li jinqataw l-hedging li hemm mal-Monument taż-Żgħażagħ. Is-Sindku infurmah li meta kien qed isir ix-xogħol imsemmi kien hemm xi residenti li ħarġu jargumentaw u għalhekk ma tkompliex.

36.4.2 Il-Viċi Sindku, Patrick Bugeja saqsa ukoll fir-rigward tad-dustbin li kellu jsir fejn il-Klabb tal-Boċċi. Is-Sindku infurmah li dan ser isir mill-Fondazzjoni tat-Tourism Zone u l-aħħar informazzjoni li għandna hi li nħarġu l-kwotazzjonijiet sabiex jinxtara.

36.4.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis qalet li waqt il-clean-up li saret ġie innutat li kien hemm numru ta' konfetti tat-tiġijiet. Saqsiet jekk nistgħux ninfurmaw lil min hu konċernat sabiex jibdew jużaw konfetti li jkunu biodigradabbli. Il-Kappillan għandu jkun infurmat fir-rigward.

36.4.4 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkelmet dwar it-talba li kien hemm mil-librerija ċentrali sabiex jinxtrawa xi kotba għall-librerija pubblika. Ġiet iunfuramta li l-Kunsill diġa kkonferma u ta' l-approvazzjoni sabiex jinxtraw il-kotba għas-somma ta' €1,000 kif mitlub.

36.4.5 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkelmet ukoll dwar Christmas Village li ser isir fl-RMJ Rescue mill-10 sat-13 ta' Diċembru u talbet li nipprovdu transport għal dawk li jkunu jixtiequ jattendu.

36.4.6 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkelmet dwar bank miksur li hemm fil-pjazza. Is-Sindku nfurmaha li t-tiswijiet neċessarji ser isiru mit-taqsima Fondazzjoni tat-Tourism Zone.

36.4.7 Tkelmet ukoll dwar inizjattiva sabiex għal żmien il-Milied nagħmlu food bank, fejn l-ikel li jinġabar jingħata lil dawk li huma fil-bżonn. Ġie miftiehem li ser isir kuntatt mal-Food bank u jigwidawna huma.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

36.4.8 Il-Kunsilliera Marion Parnis semmiet ukoll ittra li kellha tintbagħad lir-residenti ta' Triq il-Madonna tal-Grazzja rigward speed hump. Hija tkelmet dwar il-fatt li din l-ittra tinħareġ mill-Kunsill biex tkun b'mod uffiċċjali. Is-sindku saħaq li ladarba l-ittra tkun finalizzata għandha tintbagħad.

36.4.9 Il-Kunsillier Charles Zerafa saqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar is-sqaqien ta' Triq is-Salvatru u Triq it-Torri. Is-Sindku qal li suppost kellha tinħareġ it-tender mill-WSC, ma għandna ebda informazzjon i oħra fir-rigward.

## 36 .5 <u>RAPPORTI</u>

36.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti mill-Kunsillieri preżenti.

## 36.11 <u>KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI</u>

36.11.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Stephania Grixti resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €24,148.28 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 11/21 u €82.13 skont il-Petty Cash Ref Y/10.

36.11.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

36.11.3 Il- Kunsilliera Marion Parnis u l- Viċi Sindku Patrick Bugeja issekondaw din il-proposta.

36.11.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 36.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

36.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19:00 u ġiet aġġornata għal-Ħamis 16 ta' Diċembru, 2021 fis-18:00.

**Stephania Grixti**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**